MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Numru. 668/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

**Norman Vella bin Anthony u Carmen nee' Cefai, imwieled fl-4 ta' April, 1990 u residenti fil-fond God Bless Australia,
Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 15190(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Norman Vella li gie akkuzat talli fis-6 ta' Lulju 2007 ghall-habta ta' 01:00hrs f'Kercem, Ghawdex;

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ronnie Grech minn Kercem u dan skont ma ccertifika Dr. Teddy G. Farrugia MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. aktar talli qabad u xehet oggett iebes, flixkun tal-hgieg lejn il-persuna ta' Ronnie Grech;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-verbal tas-seduta ta' llum 9 ta' Ottubru 2007 nirrizulta illi l-kwerelant Ronnie Grech irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputat. Billi l-ewwel akkuza tinneccessita l-kwerela tal-parti offiza u billi dina giet irrinunzjat kif inghad, l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara il-procediment ezawriet fir-rigward ta'l-istess.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, l-uniku xhud okulari prodott mill-parti leza u cioe' Ronnie Grech, iddikjara illi ma kienx ser jixhed f'dawn il-proceduri. Illi x-xhieda l-ohra prodotti ma kenux prezenti ghall-incident u kwindi ma jistghux jitfghu dawl fuq l-istess. Il-Qorti ghalhekk ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza tiddikjara l-procediment ezawrit u tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------